**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. *Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President***
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Peter Paul Spiteri

*versus*

Rosario Caruana *et*

***Danni* - Inċident *Awtomobilistiku* - Passaġ *Liberu* - *a proper look out***

*Kawża dwar inċident stradali. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

L-attur ipproċeda kontra ż-żewġ konvenuti b'dan l-att taċ-ċitazzjoni biex tiġi stabbilita r-responsabbilità għall-inċident stradali li fiha hu sofra danni li kellu jiġi kkudannat li jħallashom:

"L-attur wara li ppremetta li fil-5 ta' April, 1994 waqt li hu kien isuq il-karozza numru G-9452 fi Triq tal-Barrani, Ħal Tarxien, din sfat involuta f'inċident awtomobilistiku mal-minibus nru. Y-2202 *misjuqa minn* Rosario Caruana, konvenut u mat-trakk numru R-1729 misjuq mill-konvenut Nicola Marmara u ġarrbet ħsarat;

Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kienu jaħtu l-konvenuti jew min minnhom iżda dawn qed jiċħdu ħtijithom, illi in segwitu għal dan l-inċident l-attur sofra danni fl-ammont ta' sitt mija u tlieta u għoxrin lira (*Lm623.00,0) kif jiġi ppruvat fit*-trattazzjoni tal-kawża, talab li din il-Qorti:

Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni kollha li, b'riżultat ta' l-istess, sofra l-attur;

Tillikwida d-danni fl-ammont imsemmi ta' Lm623 jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, iħallsu lill-attur l-ammont hekk illikwidat u ddikjarat bħala dovut in linea

ta' danni";

*Il-konvenut Nicola Marmarà hekk eċċepixxa:*

"Illi l-eċċipjent huwa Marmarà u mhux Mercieca, kif erronjament indikat fiċ-ċitazzjoni u għalhekk hemm lok għal korrezzjoni opportuna;

Fil-meritu t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra tiegħu għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur billi l-inċident in kwistjoni ma sarx tort ta' l-eċċipjenti iżda b'tort unikament tal-konvenut l-ieħor Rosario Caruana kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża";

Il-konvenut Rosario Caruana hekk eċċepixxa:

"Illi l-ewwel talba ta' l-attur, kif dedotta kontra l-eċċipjent, għandha tkun miċħuda stante li l-inċident awtomobilistiku in kwistjoni ma ġarax ħtija ta' l-eċċipjent;

Illi għalhekk ma hemmx danni li għandhom jiġu llikwidati fil-konfront ta' l-eċċipjent u li tagħhom għandu jinżamm responsabbli għall-ħlas";

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili b'sentenza tagħha ta' l-4 ta' *Ottubru, 1995, hekk iddeċidiet il-kawża:*

"Il-Qorti, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Rosario Caruana u għalhekk tilliberah minn kull responsabbilità għall-inċident u għad-danni fuq riferiti, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Nicola Marmarà u filwaqt li tilqa' t-talbiet attriċi, *tiddikjara lill-istess Nicola Marmarà bħala unikament* responsabbli għall-inċident fuq imsemmi, tillikwida d-danni

attriċi fis-somma ta' sitt mija u tlieta u għoxrin lira Maltija (Lm623) u konsegwentement tikkundanna lill-istess Nicola Marmarà jħallas lill-attur l-ammont hekk illikwidat in linea ta' danni, bl-imgħax legali mid-data tan-notifika taċ-ċitazzjoni u l-ispejjeż kollha tal-kawża";

Din il-Qorti ser tirriproduċi l-motivazzjoni tas-sentenza appellata għaliex jidhrilha li din tagħmel analiżi korretta tal-fatti ta' kif ġara l-inċident u bi preċiżjoni tapplika għalihom il-prinċipji ta' dritt li kienu jirregolar id-doveri ta' kull wieħed mis-sewwieqa nvoluti fl-inċident:

"L-inċident meritu ta' din il-kawża ġara għall-ħabta tas-6.30 a.m. tal-5 ta' April, 1994, fi Triq tal-Barrani, qrib Triq il-Gudja. L-attur, li kien isuq il-vettura numru G-9452, kien ġej mid-direzzjoni ta' Birżebbuġa lejn Santa Luċija, il-konvenut Marmarà kien ġej mid-direzzjoni opposta jsuq trakk taċ-ċilindri *tal-gas, u ttanta jaqsam minn ġol-fetħa fis-centre strip biex imur* Triq il-Gudja. L-attur ipprova jevitah billi kiser lejn ix-xellug u ħabat fil-minibus misjuqa mill-konvenut Caruana li kienet ħierġa minn Triq il-Gudja. Fil-ħin ta' l-inċident kienet xita qawwija. Fl-impatt kienu nvoluti biss il-minibus ta' Caruana u l-*jeep* ta' l-attur. It-trakk tal-konvenut Marmarà ma kellu ebda ħsara;

L-attur ħarrek liż-żewġ konvenuti billi qed isostni li l-inċident ġara tort tat-tnejn. Marmarà billi ħareġ minn ġol-fetħa fis-*centre stip* u b'hekk ibblukkalu l-passaġġ liberu tiegħu u ġiegħlu jisswervja lejn ix-xellug u jmur fid-direzzjoni tal-konvenut Caruana. Fl-istess ħin l-attur qed isostni li Caruana ukoll kien jaħti in kwantu dana ħareġ 'il barra mill-i*stop sign* f'tarf Triq il-Gudja u b'hekk ukoll imblokk l-passaġġ liberu ta' l-attur fil-karreġġata ta' mal-ħajt fi Triq tal-Barani;

Ċert hu li l-iskizz li ġie esebit mill-uffiċjal li nvestiga l-każ jagħti biss indikazzjoni ta' kif spiċċaw il-vetturi tal-kontendenti waqt il-ħabta. Dan stqarru l-istess Surġent Agius u jgħiduh il-kontendenti. Probabbilment, ma sarx skizz *to scale* bil-qisien kollha meħtieġa minħabba t-temp ħażin li kien hemm waqt l-investigazzjoni;

Fil-konfront tal-konvenut Caruana, l-attur qed isostni li dan ħareġ 'il barra mill-i*stop sign* u kien għalhekk li ħabat fih. L-istess Caruana qed jiċħad din l-allegazzjoni u jgħid li hu kien wieqaf bir-roti tiegħu fuq il-linja li hemm f'tarf it-triq u li waqt li qed jiġri l-inċident kien qed jimsaħ il-*windscreen*. Dwar dan il-konvenut Marmarà ikkorrobora lill-konvenut Caruana billi xehed li lil dan hu rah wieqaf f'tarf it-triq. Wara kollox dan bilfors kien hekk għax li kieku Caruana kien miexi u ħiereġ għal fuq Tal-Barrani, Marmarà ma kienx jittanta jaqsam it-triq prinċipali biex jipprova jidħol fi Triq il-Gudja, billi kien jaħbat fil-minibus ta' Caruana hi u ħierġa;

Fil-fehma tal-Qorti jidher sodisfaċentement ippruvat li Caruana kien wieqaf f'tarf it-triq meta ġrat il-ħabta. Kemm il-minibus tiegħu kienet tisporġi l-barra jekk b'xi pied jew pulzieri huwa, għall-fini tal-kwistjoni tar-responsabbilità għal dan l-inċident, kompletament irrilevanti, billi l-inċident kien jiġri xorta waħda bejn il-*jeep* ta' l-attur u l-minibus kieku din kienet ftit aktar lura. Il-ħabta f'dan il-każ kienet issir mal-pinna tal-lemin ta' quddiem tal-minibus minflok mal-bieba tal-lemin;

Caruana għalhekk ma jistax jiġi miżmum responsabbli għal dak li ġara u anqas u anqas għad-danni sofferti mill-attur;

Tibqa' għalhekk il-kwistjoni jekk kienx il-konvenut Marmarà li kkawża l-inċident u kkawża d-danni lill-attur, billi mblokka l-karreġġata jew jekk kienx l-istess attur, bis-sewqan

sperikolat tiegħu, kif jallega Marmarà, li ta lok għall-inċident;

Ma hemmx kontestazzjoni, anzi huwa ppruvat, li l-konvenut Marmarà ħareġ 'il barra mill-fetħa fis-*centre strip* indirizzat lejn Triq il-Gudja. B'dan il-mod imblokka l-karreġġata ta' l-attur u b'hekk ġiegħlu jiġbed bruskament lejn ix-xellug u jaħbat fil-*minibus* tal-konvenut l-ieħor Caruana. Il-moviment ta' Marmarà, tenut kont li l-attur kien qiegħed isuq *fuq triq prinċipali, joħloq presunzjoni kontra tiegħu u għalhekk* irid hu jipprova li l-attur naqas b'tali mod fis-sewqan tiegħu li kkawża l-inċident;

Il-konvenut Marmarà, fid-dikjarazzjoni tiegħu jgħid li hu ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa qabel ma beda jaqsam u għamel hekk biss meta ra t-triq vojta;

Wara din id-dikjarazzjoni l-konvenut Marmarà donnu tħawwad min kien l-attur u min kien il-konvenut billi jkompli jgħid "però f'daqqa waħda tfaċċa l-konvenut l-ieħor ġej miż-Żejtun, bi *speed* eċċessiv u baqa' dieħel fil-karozza ta' l-attur li kienet wieqfa". Effettivament kien l-attur li kien ġej mid-direzzjoni taż-Żejtun u l-vettura *l-oħra wieqfa kienet dik tal*-konvenut l-ieħor;

B'danakollu, *waqt ix-xhieda tiegħu* Marmarà xehed li hu kellu l-*indicators* mixgħula u waqaf fil-fetħa fis-*centre strip*. Minn xi 150 pied bogħod ra karozza ġejja mid-direzzjoni ta' Birżebbuġa miexja b'xi 30/40 m.f.s. Hu kkalkola li seta' jaqsam u beda ħiereġ. Kif għamel hekk ra l-*jeep* ta' l-attur ġejja bi *speed* qawwi ta' ċirka 60 m.f.s. u qed taqbeż il-vettura l-oħra. Marmarà għalhekk waqaf, billi bl-i*speed* li bih kien ġej l-attur hu ma kellux ċans jaqsam. *L-attur ġibed lejn ix-xellug* u ħabat fil-vettura tal-konvenut Caruana;

Marmarà donnu jrid jagħti wieħed x'jifhem li l-attur kien miexi fuq *il-lane* ta' mal-ħajt (ta' ġewwa) u ħareġ fuq *il-lane* ta' barra biex jissorpassa. Sar ħafna enfasi fuq il-punt, iżda fil-fehma tal-Qorti, dan huwa, fl-ewwel lok, irrilevanti billi l-istess attur kellu kull dritt jagħmel sorpass fi Triq Tal-Barani, u, fi kwalunkwe każ, hu miċħud bl-aktar mod kategoriku minn l-istess attur u missieru li kien passiġġier;

Dwar il-manuvra tal-konvenut Marmarà, l-attur xehed li dan fl-ewwel lok qatt ma waqaf iżda qabad u dar mill-ewwel u di più għamel hekk meta d-distanza bejn il-vetturi kienet akkorċjata ħafna b'mod li l-istess attur ma kellux triq oħra ħlief li jiġbed lejn ix-xellug biex jipprova jevita t-trakk. Tenut kont li, skond ma xehed l-istess Marmarà, kien hemm distanza konsiderevoli, ċirka 50 metru, bejn fejn kien hu wieqaf f'nofs il-karreġġata u meta tfaċċa l-attur, din il-Qorti ma tistax taċċetta li l-istess attur baqa' miexi din id-distanza kollha, fuq il-*lane* ta' barra bl-istess *speed* li kien ġej kif allegat minn Marmara, mingħajr ma jieħu azzjoni evażiva. Ir-reazzjoni normali ta' sewwieq li jara emerġenza hi dik li japplika l-*brakes* biex jevita li jaħbat u mhux li jibqa' sejjer u jittanta li jevita l-inċident meta jkun tard wisq. Il-versjoni ta' Marmara għalhekk mhux verosimili u għandha tiġi aċċettata dik ta' l-attur fis-sens li l-konvenut Marmara ttanta jaqsam meta d-distanza bejn il-vetturi kienet qasira wisq u għalhekk l-attur ma seta' jagħmel xejn aktar ħlief li jiġbed lejn ix-xellug, kif għamel, bir-riżultat diżastruż kaġun tal-ħabta ma' Caruana;

Dwar *speed* eċċessiv ta' l-attur (60 m.f.s.) allegat mill-konvenut Marmarà, din il-Qorti mhix sodisfatta li hemm provi suffiċjenti biex din it-teżi tiġi akkolta. L-ewwelnett hemm iċ-ċaħda kategorika ta' l-attur u missieru li t-tnejn isemmu *speed* ta' 30 m.f.s. L-istess konvenut Caruana, li kellu kull interess li jiskaġuna ruħu mit-talbiet attriċi, ukoll isemmi *speed* ta' 30/40 m.f.s. Inoltre, huwa diffiċli ferm li tikkalkola *speed* ta' vettura

ġejja mill-faċċata, kif kienet dik ta' l-attur fil-konfront ta' Marmarà, iżjed u iżjed bil-lejl u meta l-kondizzjonijiet atmosferiċi ma jkunu tajbin xejn. Il-Qorti għalhekk ma tistax taċċetta l-allegazzjoni tal-konvenut Marmarà dwar *speed* eċċessiv da parti ta' l-attur bħala ppruvata;

In suċċint għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li l-inċident ġara unikament tort tal-konvenut Marmarà li qabad u ttanta jaqsam triq prinċipali mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet meħtieġa u b'hekk imblokka l-passaġġ liberu ta' l-istess attur;

Dwar danni l-attur xehed fid-dikjarazzjoni tiegħu li hu nkorra danni fl-ammont ta' sitt mija u tlieta u għoxrin lira Maltija (Lm623), u esebixxa l-kontijiet relattivi biex jiġġustifika din in-nefqa. Ma tressqet ebda eċċezzjoni dwar dawn id-danni u għalhekk, anke billi jidhru ġustifikati, il-Qorti qed tillikwida d-danni ta' l-attur fis-somma msemmija";

Appella minn din is-sentenza l-konvenut Nicola Marmarà. Il-Qorti eżaminat b'attensjoni l-aggravju tiegħu u ssib li dan hu wieħed għal kollox insostenibbli f'każ li ma kellu jippreżenta l-ebda diffikultà għall-ġudikant mhux biss għaliex il-fatti li jistabbilixxu d-dinamika ta' l-inċident ġew sostanzjalment ippruvati u dwarhom ftit hemm x'wieħed jikkontesta, imma ukoll għaliex il-kondotta tas-sewqan tal-kontendenti nvoluti fl-inċident segħet tiġi eżaminata u ġudikata fid-dawl ta' regoli preċiżi li kienu jiggvernaw ir-responsabbilitajiet tagħhom bħala *main road user* jew *side road user*;

L-appellant jilment li l-iskizz tal-pulizija kien għal kollox approssimattiv, bla kejl u bla ebda indikazzjoni rigward il-*brake marks*. Dan hu minnu. U nfatti l-Ewwel Qorti attribwiet dan in-nuqqas lit-temp ħażin li kien hemm waqt l-investigazzjoni. Fir-rigward tal-*brake marks*, il-Qorti żżid li f'xita kontinwament

nieżla diffiċilment jirriżultaw traċċi ta' *brakes*. B'danakollu, għalkemm jista' jkun minnu li l-iskizz ma kienx *to scale*, ċertament jirrifletti l-posizzjoni tal-vetturi kif spiċċaw wara l-impatt in relazzjoni mat-topografija tal-lokalità fejn ġara l-inċident. F'dan ir-rigward allura l-appellant ma jistax jaħrab mill-fatt li l-iskizz juri l-vettura tiegħu għal kollox 'il barra mis-*centre strip* li tiddividi l-karreġġata ta' l-arterja prinċipali Tal-Barani;

Hemm, ftit jew wisq, il-konferma mill-persuni li xehdu li l-iskizz jirrifletti l-fatti kif sabhom is-surġent u fil-verità, l-appellant meta xehed, ma jikkontestahx. Fl-appell tiegħu l-appellant isostni li hu ħa l-prekawzjonijiet kollha qabel ma beda jaqsam Triq tal-Barrani u fil-fatt hu beda l-manuvra biex jaqsam meta kien ikkonstata li t-triq kienet vojta. Dan diġà ma jaqbilx max-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti. Infatti huwa jixhed "*waqaft lura mill-karreġġata fi Triq tal-Barrani ġejja mid-*direzzjoni ta' Birżebbuġa. Jiena ħarist fid-direzzjoni ta' Birżebbuġa u rajt karozza ġejja minn dik id-direzzjoni kif suppost kellha tiġi ... Jiena rajtha l-ewwel darba kif qabżet in-niċċa tal-Lunzjata u hemm distanza ta' ċirka 150 pied, kif rajt hekk jiena bdejt miexi billi kkalkolajt li nista' ngħaddi". Ċertament allura minn din ix-xhieda jirriżulta illi l-inċident ma ġarax fil-mument meta l-appellant kien qiegħed jistenna fil-fetħa tar-*roundabout* biex jikser lejn il-lemin tiegħu u jaqsam Triq tal-Barrani, *imma fil-mument meta kien* diġà beda jagħmel din il-manuvra, anke jekk hu jsostni li f'nofsha waqaf għax ra l-*jeep* ta' l-attur ġejja bi *speed* tissorpassa vettura oħra u rrealizza li mhux ser jilħaq jaqsam il-kareġġata kollha. Jiħder li l-inċident ġara meta l-attur kien qed isuq il-karozza fid-direzzjoni minn Tal-Barrani lejn Santa Luċija fil-ħin meta *l*-konvenut *Marmarà* ħareġ bit-trakk mill-*gap* fis-*centre strip* u ostakola l-passaġġ tiegħu. L-attur rinfaċċat b'din l-emerġenza subitanea kiser lejn ix-xellug fejn kien wieqaf, fil-ħruġ mill-Gudja, il-konvenut l-ieħor *Rosario Caruana* u b'hekk sar l-iskontru bejn il-karozza

ta' l-attur u l-minibus tal-konvenut Caruana. Dan Caruana kien barra mill-minibus tiegħu li kienet ċertament wieqfa, u allura l-ebda ħtija ma setgħet tiġi lilu addebitata għas-sinistru;

Il-kontestazzjoni prinċipali bħala fatt hi li l-appellant jippretendi li l-attur kien fil-bidu miexi fil-*lane* ta' ġewwa u ssorprendih meta, b'veloċità ta' 60 *m.f.s. qasam* għal-*lane* ta' barra fil-mument meta hu kien beda jaqsam fi Triq tal-Barani, filwaqt li l-appellat min-naħa tiegħu jsostni li hu kien dejjem qed isuq mas-*centre strip*. L-appellat jsostni ukoll li kien qed isuq bi *speed* moderat filwaqt li, kif ingħad, l-appellant isostni li l-attur kien qed isuq bi *speed* eċċessiv u li, fil-mument meta beda jagħmel il-manuvra tiegħu biex jaqsam Triq tal-Barrani, l-istess konvenut Marmarà ma kienx għadu feġġ fil-viżwali tiegħu li kienet twassal almenu 150 metru 'l bogħod minn fejn kien. Sottomissjoni din li mhix attendibbli u kredibbli għaliex f'viżwali ta' dak it-tul fid-dritt, ma jistax ikun illi kieku ħares l-appellant *ma rax lill-konvenut Marmarà ġej fuq ix-xellug tiegħu* <u>qabel</u> ma beda l-manuvra tiegħu biex jaqsam il-karreġġata anke jekk wieħed iqis li kellu *speed* ta' 60 m.f.s. Dan ifisser li jekk l-appellant ma rax il-karozza tal-konvenut Marmarà jew ma ħares xejn jew jekk ħares, ma ħarisx sewwa, għaliex din il-karozza kellha tkun għalih *in plain view*. L-appellant isostni li fil-mument tal-ħabta hu kien wieqaf. Una volta, *ex admissis*, ma kienx wieqaf biex jesplora t-triq, imma waqaf waqt li kien qiegħed jesegwixxi l-manuvra biex jidħol fit-triq fuq il-lemin tiegħu, wieħed għandu jifhem li hu waqaf f'salt appena rrealizza l-perikolu f'nofs il-karreġġata mnejn kien ġej il-konvenut Marmarà sewwa sew f'dik il-parti tal-karreġġata li kienet *il-fast lane*;

L-appellant jistrieħ fuq ix-xhieda ta' Rosario Caruana li jikkwalifikah bħala xhud indipendenti. Interessanti li xehed dan ix-xhud konvenut fir-rigward tal-manuvra li kien qed jagħmel l-appellant:

"Waqt li kont wieqaf (hu kien ġej mid-direzzjoni tal-Gudja u biex jikser lejn il-lemin biex imur lejn Birżebbuġa) rajt it-trakk ta' Marmara. *Dan kien wieqaf fil-fetħa li hemm fis-centre strip* u kien ġej mid-direzzjoni ta' Santa Luċija, u kellu ukoll l-*indicator* mixgħul ... Waqt li kien għadu wieqaf jien kont qed nimsaħ il-ħġieġa ta' quddiem, ċjoè l-*windscreen* u waqt li kont qed nagħmel hekk rajt li t-trakk beda miexi. Jiena għalhekk immaġinajt illi t-Triq tal-Barrani kienet *clear*, jiġifieri kien jista' jgħaddi u għalhekk bdejt nimsaħ il-ħġieġa tal-ġenb ta' ħdejja u kif għamilt hekk, rajt vettura ġejja mid-direzzjoni ta' Birżebbuġa fuq il-*lane* ta' mas-*centre strip*. Din kienet ġejja bi *speed* qawwi u *kif dan ra t-trakk ħiereġ, applika l-brake* u ġibed fuq ix-xellug biex jevita t-trakk u baqa' dieħel ġo fija ... L-ewwel darba li jiena rajt il-karozza ta' l-attur ġejja, kienet ċirka ħamsin metru 'il bogħod minni u dak il-ħin jiena rajtha miexja fil-*lane* ta' barra mas-*centre strip* u dak il-ħin it-trakk kien ġà beda miexi";

Minn din ix-xhieda jidher ċar illi dan ix-xhud jikkonferma li fil-mument ta' l-impatt l-appellant kien *in motion*. Kif *jikkonferma ukoll illi l-attur kien qed isuq mas-centre strip u li* ġibed lejn il-lemin tiegħu proprju biex jevita t-trakk ta' l-appellant li kien għadu ħiereġ;

*L-appellant jittanta jieħu* vantaġġ mix-xhieda ta' Rosaria Caruana meta msejjaħ mill-Qorti, fejn qal li "bejn il-ġenb tal-lemin tat-trakk fejn kien wieqaf kien hemm spazju biżżejjed biex jgħaddu l-karozzi ..." Minn din ix-xhieda jargumenta li allura l-attur seta' jibqa' għaddej faċilment mingħajr ma jikser lejn ix-xellug kif fil-fatt għamel. *Dan hu però għal kollox* skorrett għaliex Rosario Caruana f'din il-parti tax-xhieda kien qiegħed jirreferi għal kif waqaf it-trakk ta' l-appellant wara l-impatt u mhux kif qed jippretendi hu, qabel il-ħabta f'tentattiv biex jevitaha;

Għal din il-Qorti allura hu ċar li l-inċident seħħ għaliex il-konvenut appellant naqas li jieħu prekawzjonijiet li kien obbligat jieħu qabel ma ttanta jagħmel il-manuvra perikoluża tiegħu biex jaċċerta ruħu li hu seta' jibda, jkompli u jtemm dik il-manuvra bla preġudizzju għalih u għall-vetturi oħra. Hu naqas li jżomm *a proper look out* kif kien obbligat jagħmel qabel ittanta jagħmel manuvra ta' dik ix-xorta. "*On turning at a junction look right, then left, then right again, do not go on until you are sure that it is safe to do so*" (regola 86 tal-*Highway Code*). Il-konvenut appellant ma kienx ġustifikat li jieħu r-riskju li ħa u jekk, kif jidher, l-inċident ġara minħabba kalkolu ħażin u misattenzjoni ta' l-appellant, li bħala konsegwenza naqas li jagħti d-dritta li kienet ovvjament tispetta lill-attur, l-appellant seta' biss ilum lilu nnfisu. Il-konvenut appellant jattribwixxi ħtija lill-attur minħabba dak li sejjaħ sewqan sperikolat li kkawża l-inċident, stante li skond hu, l-attur kien ġej bi *speed* eċċessiv għal-lokalità, meħud in konsiderazzjoni l-kondizzjoni tat-temp. Hu jissottometti li l-attur tilef il-kontroll tal-*jeep* li kien isuq anke minħabba l-fatt li l-art kienet imxarrba bix-xita. Dan l-aggravju hu nsostenibbli għal diversi raġunijiet;

Ma ġiex definittivament stabbilit is-sewqan sperikolat ta' l-attur. Hu minnu li hemm indikazzjoni ta' prova li l-attur kien qed jeċċedi l-massimu konsentit għal-lokalità. Però, hu paċifiku fil-ġurisprudenza illi f'arterja prinċipali bħalma hi Tal-Barrani, eċċess fil-veloċità, anke jekk seta' kien jammonta għal infrazzjoni kontravvenzjonali ma setax bħala regola jitqies li kien element kontributorju għas-sinistru;

*Fir-rigward ta' dan l-ispeed il-provi jindikaw veloċità ta'* bejn 40 u 50 m.f.s. li hu *speed* qawwi imma ma jistax jiġi kkwalifikat bħala sperikolat;

Ma jirriżulat minn imkien li l-attur tilef il-kontroll tal-

vettura tiegħu minħabba dan l-i*speed* eċċessiv. Jirriżulta għall-kuntrarju li kien il-fatt li l-attur sab ruħu rinfaċċjat bl-emerġenza subitanea tat-trakk ta' l-appellant ħiereġ għal ġol-karreġġata quddiemu li ġiegħlu jikser lejn ix-xellug tiegħu bi sforz biex jevita l-inċident u kien *minħabba f'hekk li baqa'* dieħel fuq il-konvenut Caruana li kien wieqaf;

Din il-Qorti hi sodisfatta li l-kawża prossima u mmedjata *tas-sinistru ma kinitx il-veloċità eċċessiva ta' l-attur, imma l-*fatt li l-appellant ittanta jagħmel manuvra perikoluża li qed jagħmel bla ma ħa l-prekawzjonijiet xierqa li r-regolamenti kienu jimponu fuqu. Ma tirriżulta allura għal din il-Qorti l-ebda *kontributorjetà* għas-sinistru da parti ta' l-attur;

Għal dawn il-motivi u għall-motivi dedotti mill-Ewwel Qorti l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi pagabbli mill-konvenut Nicola Marmara, l-appellant.